# Diskors għall-Ftuħ tas-Sena Akkademika 2007 - 2008

Għaziz Kancillier, Rettur, Onorevoli Ministru, Professuri u sħabi l-istudenti,

F'isem il-Kunsill ta' l-iStudenti Universitarji u l-għaqdiet studenteski kollha, noffrilkom MERHBA. Mil-lum titilghu ghall-ahhar targa, l-ahhar triq tal-hajja studenteska taghkom. Minn dakinhar li rcevejtu r-rizultati tal-matrikola u frahtu mal-genituri u l-hbieb taghkom sal-lum, zgur hassejtu u ghextu gimghat pozittivi. Huwa b'dak l-ispirtu pozittiv li nidhlu llum ghall-ftuh tas-sena akkademika taghna.

Kull triq fiha t-tlaqqa' u l-inzul taghha, izda r-rotta li naghzlu tghaddina minn pajsagg differenti. Ghall-kuntrarju ta' l-iskejjel li ghaddejna minnhom tul il-mixja taghna, l-Università ma tiddettalniex ir-rotta li nghaddu minnha. L-Università hija dik li naghmlu minnha. Dan itina l-libertà, izda rridu nidhlu ghall-isfida b'entuzjazmu u b'dixxiplina personali. Minghajr entuzjazmu ghall-isfida ta' l-Università, ma nghelbux d-diffikultajiet u l-qtigh il-qalb li forsi nghaddu minnhom. Izda huwa b'dan l-entuzjazmu u b'dan l-ispirtu pozittiv li fl-ahhar ta' snin ta' studju, inharsu lura u nghidu li rnexxielna. Jiena nawgura li nispiccaw lkoll bl-entuzjazmu li bdejna bih illum.

Jista jkun li għall-bidu ninghallqu ftit f'qoxxritna. L-Università hija gdida ghalina f'kull sens tal-kelma, izda kullimkien ser issibu min ikun lest biex jghinkom. Matul il-gimgha d-diehla, il-KSU ser ikun qed jorganizza l-*Freshers' Week*, gimgha importanti hafna, b'mod specjali ghalikom l-istudenti l-godda. Nistedinkom tigu f'Atriju Vassalli kull meta ma jkollkomx laqgha jew lekcer, sabiex tippartecipaw fit-turs t'orjentazzjoni li ha nkunu qeghdin norganizzaw bil-ghan li nurukom il-Fakultajiet taghkom, l-iswali differenti li fihom ikollkom il-lekcers taghkom, u hafna postijiet ohrajn. Barra minn hekk, il-*Freshers' Week* hija pjattaforma ghall-ghaqdiet studenteski kollha li huma rikonoxxuti fl-Università. Permezz ta' din il-gimgha, ser tinghataw l-opportunità li tiltaqghu ma' l-ghaqdiet tal-Fakultajiet taghkom, li barra l-KSU jghinukom ukoll fil-mixja akkademika taghkom. Tiltaqghu ma' l-ghaqdiet politici u internazzjonali, li joffrulkom opportunitajiet ta' skambju kemm fuq livell kulturali, kif ukoll akkademiku u ta' xoghol. Inheggigkom izzuru wkoll it-tinda tal-Klabb Sportiv ta' l-Università (MUSC) taghna. Din is-

sena, għall-ewwel darba, il-KSU u l-MUSC ser ikunu qegħdin joffru shubija mac-Centru Akwatiku li jigi rrimborzat mill-Ismart Card taghkom.

L-energija li nhossu madwarna matul il-gimgha d-diehla mhix importanti biss biex nidraw l-ambjent ta' l-Università taghna. Hawnhekk, fejn qeghdin bhalissa, insibu l-hbiberija. Hawnhekk ser insibu minn jghinna. M'ghandniex ghalfejn ninhlew id-dar. L-msn, il-Hi5, il-Facebook; dawn kollha saru l-hbieb taghna u s-socjalizzazzjoni qeghdin inwettquh ma' l-iskrin tal-kompjuter u mal-webcam. L-Università hija darna wkoll.

Ghandna bicca xoghol akkademiku? Xi *assignment* jew ezami fi ftit gimghat? Anke hawnhekk, quddiem l-iskrin tal-kompjuter, bil-google mtella' u bid-dokumenti nizlin. Izda anke hawnhekk hbieb, ma nhallux il-konvenjenza tqarraq bina. Ftit passi il-boghod minn hawn, il-librerija taghna mhix biss mghammra b'gurnali u perjodiki li huma aggornati b'ahbarijiet akkademici mportanti. Meta rigu biex niktbu xi *assignment* jew it-tezi taghna, huwa gol-librerija li nsibu tezijiet li jirrelataw mas-suggetti taghna, b'mod specjali jekk qeghdin nistudjaw xi suggett marbut mal-gzejjer taghna. Allura inheggigkom tattendu ghat-turs tal-librerija u tuzaw il-facilitajiet taghha. Gie li nisimghu minn jghid, "Imma kemm tinghalaq malajr il-librerija?" Il-KSU lest jahdem sabiex il-librerija tibqa miftuha iktar, u l-Università tahdem favur dan l-ghan jekk tara attendenza tajba, izda l-librerija ma tibqax miftuha ghall-ihirsa.

Iz-zewg ezempji li tajtkom – tal-hbiberija li nsibu hawnhekk u tal-librerija li tinsab ghad-dispozizzjoni taghna – huma tnejn minn ghexieren ta' ragunijiet ghalfejn ghandna nibqghu fuq il-Kampus bejn il-lekcers u anke wara l-lekcers. Il-punt centrali ta' kollox huwa li l-Università m'ghandiex l-ghan uniku li tpoggina gol-kaxxa maghmula tal-kors taghna. L-Università mhix fabbrika tac-certifikati. Tmur lil'hinn minn hekk. L-Università toffri l-opportunità ghall-izvilupp karatterjali u tippreparana ghad-dinja tax-xoghol. X'irrid infisser b'dan?

Fl-ahhar ta' Ottubru l-KSU jtella' l-Konvenzjoni tal-Karrieri; gimgha li fiha ninghataw l-opportunità li nigu rreklutati minn kumpaniji differenti, f'oqsma differenti ta' xoghol. Minn qabel ma niggradwaw, insibu li ahna diga imfittxija ghall-kapacitajiet diversi li ghandna. Fid-dinja tal-lum, ma nistghux ninghallqu go l-isfera akkademiku taghna. Irridu nkunu ahna li nizblukkaw l-barrieri akkademici li nsibu ruhna maghluqin fihom. Irridu nkunu ahna li nixghelu

l-bozza ta' l-innovazzjoni f'pajjizna. Irridu nkunu ahna li, b'karattri mprenditorjali, ndawwru r-rota ekonomika ta' pajjizna.

Ghal dan il-ghan, din is-sena, l-Università ta' Malta flimkien mal-KSU ser tkun qed tiftah opportunità gdida u unika ghal pajjizna, imsemmija *Degree Plus*. Permezz ta' dan il-kors, ser ninghataw c-cavetta biex verament nizviluppaw il-karattri u l-hiliet taghna, f'hames oqsma differenti, ghad-dinja ta' barra l-Università. Permezz tax-**xoghol volontarju**, ha nkunu qeghdin nidraw nkunu cittadini attivi fis-socjetà taghna ma' min jinsab l-iktar fil-bzonn. Permezz tal-**kultura u l-patrimonju** ha nsiru nafu lil pajjizna ahjar. Permezz ta' l-**ICT** ha nitghallmu nahdmu fid-dinja teknologika tal-lum. Permezz tal-**lingwi** ha nzommu l-prattika ta' dawk il-lingwi li ilna nipprattikaw is-snin u li sa issa stajna abbandunajna biex nispecjalizzaw f'kors partikolari. Finalment, permezz ta' l-**imprenditorija** ha nidraw nahdmu fuq il-post tax-xoghol, nifthu *business* ghal rasna u nitghallmu dwar il-viabilità finanzjarja u legali taghha. L-imprenditorija mhix importanti biss ghal min irid jiftah industrija gdida. Hija importanti ghal kull min jixtieq ikompli f'xoghol professjonali. Avukati, tobba, arkitetti, psikologi... kollha jkollhom bzonn f'xi hin jew iehor jifthu ufficcju ghal rashom u karattru imprenditorjali jista' wkoll jaghmel id-differenza bejn il-ftuh ta' ufficcju li jirnexxi, u ufficcju li jkollu jigi abbandunat wara ftit zmien.

Id-*Degree Plus* m'ghandux il-vantagg li jtina t-taghlim prattiku biss. Kull min jippartecipa f'dan il-programm ser jinghata rikonoxximent tieghu fid-dokument ufficjali li jinghata meta jispicca l-kors tieghu. Matul iz-zmien li gej, id-*Degree Plus* ser isir dejjem iktar imfittex minn min ihaddem. Matul is-sena li gejja, dan il-kors ghandu jaghti rikonoxximent ukoll lil min isiefer ghal skambju, u ghal min jippartecipa fl-ghaqdiet studenteski. Dan il-kors huwa xempju ta' sistema ta' akkreditazzjoni u rikonoxximent ta' edukazzjoni non-formali u informali, ta' edukazzjoni li ma tinghatax minn gewwa l-erba hitan tal-kmamar tal-lekcers. Dan ghandu jkun ta' ezempju ghal sistema ta' akkreditazzjoni u ghandu jinghata l-widen mehtieg mill-Kunsill Malti ghall-Kwalifiki u mill-Gvern.

Nixtieqkom tippermettuli li neqleb ghall-lingwa ingliza sabiex naghti merhba lill-istudenti barranin li qeghdin fostna llum.



HSBC
The world's local bank
vodafone
89.7 BAY

On behalf of the University Students' Council I welcome you to the beginning of a new academic year at our University. Whether you are partaking a full course or participating in an exchange programme, you will find that there is a lot for you to do in the first few weeks at the University of Malta. Our Campus is large, our timetables and application forms seemingly neverending. Yet you will always find many students around who are more than willing to help you.

I encourage you to visit the KSU stand next week. Together with all the other student organizations, we aim to make your life easier and more enjoyable on Campus. Participate in the activities we put together, and lend a hand in one of these organizations. University is what you make of it, and there is more to this Campus than lecture theatres and assignments. Student organizations will not only inject fun into your daily life, but will also help you improve your organizational skills and render you more employable to the labour market.

I close this speech by stating that KSU is there to strengthen and provide you with a voice. We are ready to confront the adventure which we commence today, and we will be open to help you in your academic and social needs. I wish you all a great adventure. Be active!

Herrera

David Herrera
President | KSU

28 ta' Settembru 2007



HSBC The world's local bank
vodafone
89.7 BAY